**21 ta' Diċembru**

**Tifkira ta'**

S. PIETRU KANISJU,

SAĊERDOT U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled f'Nijmegen, l-Olanda, fl-1521; studja f'Koln, il-Ġermanja, u daħal fis-Soċjeta' ta' Ġesu'; fl-1546 ordna saċerdot. Bagħtuh il-Ġermanja, u għal ħafna snin, bil-kitba u l-priedki tiegħu, ħabrek bil-qawwa biex iħares u jsaħħaħ il-fidi kattolika. Kiteb ħafna kotba, l-aqwa fosthom il-Katekiżmu. Miet fi Friburgu, l-Isvizzera, fl-1597.

Mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja...

Talba

O Alla, inti tajt qawwa u għerf lis-saċerdot San Pietru Kanisju biex iħabrek għall-ħarsien tal-fidi kattolika; bit-talb tiegħu, agħmel li l-bnedmin kollha li jfittxu l-verita' jsibu lilek, Alla, u jifirħu bik, u li l-poplu tiegħek li jemmen fik jibqa' sħiħ sa l-aħħar fl-istqarrija tiegħek. B'Ibnek.